TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 527/10

**David Mifsud u Stephanie Mifsud**

**vs**

**MaltaPost p.l.c.**

Illum 28 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-7 ta' Diċembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tliet mija u tlettax-il ewro u tmien ċenteżmi (€313.08), rappreżentanti prezz ta' *mobile phone* li meta ntbagħat bil-posta reġistrata minn Malta lejn l-Ingilterra, dan il-*mobile phone* ntilef.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma bagħtu *mobile phone* bil-posta reġistrata minn Malta lejn l-Ingilterra u dan il-*mobile phone* ntilef fit-traġitt, tant illi ġew infurmati mill-British Post illi ntilef.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi mhix responsabbli għat-telf tal-*mobile phone*, għax ġie kkonsenjat lis-servizzi postali ġewwa l-Ingilterra, jiġifieri lir-Royal Mail u ntilef hemm, u li s-soċjeta' intimata offriet kumpens ta' *credit note* ta' ħamsa u tletin ewro u tlieta u tletin ċenteżmi (€35.33).

**It-Tribunal jinnota illi:**

MaltaPost plc qed tipprova twaħħal fir-Royal Post li dan il-*mobile phone*, ossia pakkett intilef.

It-Tribunal, jinnota r-relazzjoni ġuridika hija bejn ir-rikorrenti u l-intimat, u r-Royal Post m'għandha x'taqsam xejn f'din ir-relazzjoni ġuridika.

It-Tribunal, ukoll jinnota illi kien hemm negliġenza grossolana daparte tal-intimat illi meta l-pakkett ikun reġistrat għandu jkun hemm xi tip ta' moniteraġġ u dana ntilef kompletament, u għalhekk jikkonkludi li kien hemm negliġenza daparte tas-soċjeta' intimata. Ir-Royal Mail hija *sub-contracter* allura tal-intimat, pero' fl-aħħar mill-aħħar huwa l-intimat responsabbli għal dan il-pakkett.

It-Tribunal jinnota li anke għall-grazzja ta' l-argument, jekk il-MaltaPost kellha toffri xi kumpens, dana żgur m'għandux ikun f'tip ta' *credit note*.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' tliet mija u tlettax-il ewro u tmien ċenteżmi (€313.08), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**